**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Mejju 2019**

**Kawza Nru. 2**
**Rikors Nru. 6/19 JZM**

**Rikors ta` Edward Micallef [Karta ta` Identita` Numru : 306748(M)] u John Vella [Karta ta` Identita` Numru : 876248(M)]**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fil-5 ta` Marzu 2019 li jaqra hekk :–

*Illi fit-23 ta` Settembru, 1986, l-esponenti flimkien u bhala socji kienu kkostitwew u rregistraw kumpannija ta` responsabilita` limitata (limited liability company) bl-isem ta` Universal Spares Limited, liema kumpannija kellha bhala numru ta` registrazzjoni C 8311. Qeghdin jigi hawn uniti kopja ta` l-istatut u tac-certifikat ta` registrazzjoni tal-imsemmija kumpannija ta` responsabilita` limitata u dawn il-kopji qeghdin jigu mmarkati rispettivament bhala Dokument MV 1 u MV 2.*

*Fis-17 ta` Gunju, 2005 l-imsemmija kumpannija ta` responsabilita` limitata Universal Spares Limited giet konvertita f`partnership en nom*

*collettif bl-isem Universal Spares, liema partnerhsip en nom collettif inghatat n-numru ta` regsitrazzjoni P 1038. Qeghdin jigu hawn uniti kopja ta` l-istatut u tac-certifikat ta` registrazzjoni segwitu ghall-konverzjoni ghall-imsemmija partnerhsip en nom collettif u dawn il-kopji qeghdin jigu mmarkati rispettivament bhala Dokument MV 3 u MV 4.*

*Fl-20 ta` Frar, 1990 il-kumpannija ta` responsabilita` limitata permezz ta` att ta` akkwist fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien akkwistat garage minghajr numru li jgib l-isem "Universal Spares" fi Triq il-Kus, Hal-Qormi u dan kif jidher mill-kopja tal-att ta` akkwist li qieghed jigi hawn unit u mmarkata bhala Dokument MV 5.*

*Fil-31 ta` Jannar 2011 l-esponenti, bhala socji, qablu li l-partnership en nom collettif bl-isem Universal Spares u bin-numru ta` registrazzjoni P 1038 ghandha tigi xolta u ukoll qablu dwar il-mod kif l-istralc kellu jsir. Kopji tal-Avviz ta` Xoljiment mibghut mis-socji lir-Registratur tas-Socjetajiet qieghda tigi hawn unita u mmarkata bhala Dokument MV 6.*

*Bhala konsegwenza l-partnership en nom collettif bl-isem Universal Spares u bin-numru ta` registrazzjoni P 1038 giet xolta u kancellata mir-Registru tas-Socjetajiet. Ir-registrazzjoni tal-kancellament giet effetwat fit-23 ta` Mejju, 2012 f`liema data l-partnership en nom collettif bl-isem Universal Spares giet kancellata minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet. Kopja tal-Avviz bir-registrazzjoni tal-kancellament qieghda tigi hawn unita u mmarkata bhala Dokument MV 7.*

*Xi xhur ilu l-esponenti iddecidew li jbieghu l-garage minghajr numru li jgib l-isem "Universal Spares" fi Triq il-Kus, Hal-Qormi li huma kienu akkwistaw f`isem il-kumpannija ta` responsabilita` limitata Universal Spares Limited fl-20 ta` Frar, 1990 (Dokument MV 5) u wara li saru r-ricerki dwar it-titolu mill-akkwirent prospettiv ingieb ghall-attenzjoni tal-esponenti li din il-proprjeta` bi zvista ta` minn kien qieghed jiehu hsieb il-process ta` stralc ma kintix iffurmat parti mid-devoluzzjoni tal-assi appartenenti lill-partnership en nom colletif fil-process ta` stralc, anke jekk din il-proprjeta` konsegwenza tal-konverzjoni minn kumpannija ta` responsabilita` limitata ghall-partnerhip en nom collettif saret proprjeta` ta` din ta` l-ahhar.*

*Ghalhekk sabiex l-istralc tal-imsemmija partnerhip en nom collettif Universal Spares bin-numru ta` registrazzjoni P 1038 jigi formalizzat skont il-ligi jinhtieg li l-imsemmija proprjeta` konsistenti f`garage minghajr numru li jgib l-isem "Universal Spares" fi Triq il-Kus, Hal-Qormi, proprjeta` tal-imsemmija partnership en nom collettif Universal Spares, tigi devoluta u ghalhekk assenjata lill-esponenti socji skont il-qbil taghhom dwar kif kellu jsir l-istralc.*

*Dan ma jistax isehh jekk isem tal-partnership en nom collettif bl-isem ta` Universal Spares u bin-numru ta` registrazzjoni P 1038 ma jergax jigi restitwit fuq ir-Registru tas-Socjetajiet u l-istralc jerga` jinfetah biex jigi rektifikat u formalizzat skond il-ligi.*

*Din is-sitwazzjoni ma nholqitx b`konsegwenza ta` xi nuqqas da parti tal-esponenti li ghamlu dak kollu mistenni minnhom skond il-ligi.*

*Huwa minnu li Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta jikkontempla biss restituzzjoni ta` isem ta` kumpannija fuq ir-Registru tas-Socjetajiet u mhux ta` partnerships, izda din l-anomalija ma ghandhiex tkun ta` pregudizzju ghall-esponenti li jirrettifikaw l-posizzjoni legali taghhom in kwantu jifformalizzaw l-assenjazzjoni u d-devoluzzjoni ta` l-imsemmija proprjeta` minn fuq l-imsemmija partnership en nom collettif Universal Spares ghal fuq isimhom, kif kien jikkontempla l-istralc minnhom miftiehem.*

*Il-pregudizzju li jistghu jsofru l-esponenti fin-nuqqas li dan il-fatt formali ikun jista` jsehh, huwa wiehed kbir u serju u dana stante li d-devoluzzjoni u l-konsegwenti assenjazzjoni qatt ma jistghu jigu formalment attwatti u rikoxxuti bil-konsegwenza li l-esponenti qatt ma huma ser ikunu rikonoxxuti bhala sidien tal-proprjeta.*

*Huwa necessarju, anzi krucjali, illi l-isem tal-partnership en nom collettif Universal Spares bin-numru ta` registrazzjoni P 1038 jerga` jigi restitwit fuq ir-Registru tas-Socjetajiet u l-istralc jerga` jinfetah sabiex dan l-istess stralc jigi rettifikat u formalizzat skont il-ligi.*

*Fuq l-insenjament tal-Qrati taghna li esprimew ruhhom dwar din l-anomalija, dak li pprovda il-Legislatur fl-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji - Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta ma jistax jigi interpret bhala li jeskludi r-rimedju fil-kuntest tas-socjetajiet kummercjali kollha u allura f`kaz fejn ma tirrizultax intenzjoni frawdolenti da parti ta` dak jew dawk li jkunu qeghdin iressqu talba ghar-restituzzjoni tal-isem ta` partnership, it-talba ghar-restituzzjoni tal-isem ghandha tigi akkolta.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghogobha tordna li isem il-partnership en nom collettif Universal Spares bin-numru ta` registrazzjoni P 1038 jerga` jigi restitwit fuq ir-registru tas-socjetajiet u l-istralc tal-istess partnership en nom collettif Universal Sapres jerga` jinfetah sabiex jigi rektifikat u formalizzat skont il-ligi skont kif premess u fuq espost u dan salv dawk il-proveedimenti kollha li dina l-*

*Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li taghti fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors promotur.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta` Marzu 2019.

Rat illi ghalkemm ir-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat bir-rikors promotur u bl-avviz tas-smigh tar-rikors, ma pprezentax risposta.

Semghet ix-xiehda ta` r-rikorrent Edward Micallef fl-udjenza tat-2 ta` Mejju 2019.

Rat id-digriet li nghata fl-istess udjenza fejn ir-rikors thalla ghal provvediment ghal-lum.

## II. Xiehda

L-unika persuna li xehdet kienet ir-rikorrent **Edward Micallef**.

Fid-deposizzjoni tieghu *viva voce* r-rikorrent Edward Micallef fis-sostanza kkonferma kull fatt li jirrizulta fir-rikors promotur.

## III. L-azzjoni

**Ghalkemm fil-premessi tar-rikors, l-unika disposizzjoni tal-Kap 386 li ssir referenza ghalija hija l-Art 325, huwa bil-wisq evidenti li t-talba tar-rikorrenti hija bbazata fuq l-Art 300B.**

**Huwa daqstant iehor evidenti li r-rikorrenti ghamlu referenza ghall-Art 325 mhux daqstant ghaliex dik id-disposizzjoni tghodd ghall-fini tal-procediment tal-lum, izda ghaliex qeghdin jissottometti illi dak li l-qrati taghna applikaw fil-kaz tal-Art 325 ghandu jghodd ukoll *mutatis mutandis* ghall-Art 300B.**

## IV. Gurisprudenza

Id-darba li qamet il-kwistjoni tal-applikazzjoni tal-Art 325 tal-Kap 386 ghal *partnership en nom collectif* kien fil-kawza **<u>"Francis Mifsud</u> <u>et vs X"</u>** li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Frar 2015.

Ghall-fattispeci ta` dak il-kaz, din il-Qorti taghmel referenza ghall-atti processwali li huma pubblici.

L-Ewwel Qorti dehrilha li ma kellhiex testendi l-applikazzjoni tal-Art 325 tal-Kap 386 (li jitkellem specifikament dwar kumpanniji) ghal *partnerships en nom collectif.*

Ghalhekk kienet michuda t-talba tar-rikorrenti.

Sar appell.

Fis-sentenza li taghha, il-Qorti tal-Appell *inter alia* qalet hekk :-

*…*

*l-Ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha li tichad it-talba tar-rikorrenti ghab-bazi tal-fatt illi ma jezistix artikolu ad hoc fl-Att dwar il-Kumpanija li jipprovdi rimedju ghas-socjetajiet f'isem kollettiv li huwa analogu ghal dak kontemplat fl-Artikolu 325 tal-Att imsemmi li jipprovdi dan ir-rimedju ghal kumpaniji. Dik il-Qorti qalet li darba li l-Legislatur ipprovda rimedju biss ghall-kumpaniji, l-istess rimedju ma jistax jigi estiz ghal sitwazzjonijiet ohra.*

*Fil-principju, dan l-ahhar kumment tal-ewwel Qorti hu korrett, pero`, f'dan il-kaz ghandna sitwazzjoni fejn dan ir-rimedju, fil-kuntest ta' socjeta` en nom collectif li tkun giet imhassra, inghata mill-qrati, u dan ir-rimedju ma giex imhassar mil-Legislatur avvolja kellu kull opportunita` li jaghmel dan.*

*Fil-fatt, fil-kawza Abela v. Cachia, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Marzu 2003, kienet ukoll saret talba biex socjeta` en nom collectif terga' titqieghed fuq ir-registru tal-kumpaniji avolja kienet giet imhassra u t-talba giet milqugha.*

*Dik il-Qorti qalet hekk fuq in-nuqqas tal-ligi li tipprovdi rimedju ghat-talbiet imressqa:*

*"Ghar-rigward tal-meritu, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fis-sentenza li tat f'din il-kawza fit-28 ta' Gunju, 2001, kienet irriservat il-posizzjoni taghha dwar kemm hu possibli li socjeta' "struck off" minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji setghet tigi ravvivata. F'decizjoni moghtija mill-Onorabbli*

*Qorti tal-Appell fil-kawza "Dr. Leslie Grech vs Registratur tas-Socjetajiet" fid-9 ta' Ottubru, 1979, kien gie deciz li, fil-ligi taghna, ma kienx possibli li socjeta' li tkun giet dissolved tigi risucitata. Maz-zmien, pero', jidher li kien hemm ripensament, u l-istess kwistjoni giet studjata funditus minn din il-Qorti fil-kawza "Mayflower Co. Ltd. et vs Registratur tas-Socjetajiet" deciza fit-22 ta' Jannar, 1999, u din il-Qorti kienet accettat it-teorija ta' Gower, hemm kwotat, li "A contrast between the death of an individual and that of a company is that, without divine intervention, but merely by an order of the Court, a dissolved company can be resurrected".*

*"Dan l-ahhar insenjament gie abbraccjat minn din il-Qorti fil-kawza "Migdal Insurance Co. Ltd et vs Paul Mizzi noe" deciza fit-18 ta' Mejju, 2001, fejn intqal li kumpanija tista', fl-interess tal-krедituri, terga' titqieghed fuq ir-registru tal-kumpaniji avolja tkun giet imhassra.*

*"Il-possibilta' li kumpanija mhassra terga' titqieghed fuq ir-Registru, gie implicitament rikonoxxut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Barbara vs El Ferghani", deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001, fejn gie deciz li jekk amalgamazzjoni ta' zewg kumpaniji tigi dikjarata nulla, l-istess zewg kumpaniji jergghu jiehdu listat taghhom."*

*Fil-fatt, fil-kawza Migdal Insurance Co. Ltd v. Mizzi noe, deciza wkoll millPrim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Mejju 2001, kien intqal hekk fil-kuntest tar-rimedju mitlub:*

*"Fil-fehma tal-qorti, il-fatt li l-ligi ma tipprovdix ghal rimedju espressament ma jfissirx li rimedju ma jinghatax, kif inghata fil-kaz ta' Mayflower Property Co. Ltd jekk jintwera li hemm l-elementi kollha mehtiega. Jidher li, ghalkemm iddottrina ma hix unanimi, din hija wkoll il-fehma prevalenti tal-gurisprudenza flinterpretazzjoni tal-ligi taljana li kienet il-mudell ghad-dispozizzjonijiet ta' lOrdinanza dwar Socjetajiet Kummercjali fejn din tirregola x-xoljiment u l-istralc.*

*F'dan il-kuntest ghandu jinghad illi l-qorti ma taqbilx mar-Registratur tas-Socjetajiet meta dan fisser din is-silta mill-gabra ta' Giurisprudenza Sistematica di Diritto Civile e Commerciale:*

*""... ... ... la giurisprudenza unanime e costante della suprema Corte afferma che "la chiusura delle operazioni di liquidazione di una società ... ... ... producono l'estinzione della società, sia questa di capitali o di persone ... ... ... soltanto in quanto la situazione apparente o presuntiva risponda alla realtà di fatto della effettiva cessazione di tutti i rapporti derivanti dall'attività della società o a questi connessi". "La suprema Corte ritiene di conseguenza che, nonostante sia intervenuta la cancellazione della società, tutti i creditori possano agire nei confronti della società in persona dei suoi liquidatori."*

*Ir-Registratur tas-Socjetajiet fehem l-ahhar paragrafu ta' din is-silta hekk:*

*""... ... ... il-pozizzjoni li hadu l-qrati taljani hi li l-kredituri jistghu jipprocedu kontra s-socjetà fil-persuna ta' l-istralcjarju u mkien ma ssemmi li l-kumpanija terga' tigi ravvivata." "Proceduri "kontra s-socjetà fil-persuna ta' l-istralcjarju" huma proceduri kontra s-socjetà; l-istralcjarju huwa biss il-persuna li tidher f'isem is-socjetà — jidher nomine mhux proprio — izda l-parti fil-proceduri tkun is-socjetà nfisha. Ladarba tkun parti fi proceduri gudizzjarji, ma jistax jinghad li s-socjetà ma tkunx ghadha tezisti."*

*Dan ir-rimedju hekk ipprovdut mill-gurisprudenza lokali ma giex imnehhi milLegislatur, u meta l-kliem tal-ligi huwa car, mhux il-kaz ta' interpretazzjonijiet tal-ligi li jmorru aktar lil hinn mill-istess kliem tal-ligi, u lanqas ma ghandhom Kopja Informali ta' Sentenza Pagna 13 minn 14 Qrati tal-Gustizzja ikunu prospettati teoriji ipotetici ta' fejn il-kliem tal-ligi jista' jwassal jew ma jwassalx. Meta l-qrati jaghtu rimedju ghal diversi istituti, relatati izda mhux marbuta ma' xulxin, u l-Legislatur jiddeciedi li jintervjeni u jirregola hu wiehed minn dawn l-istituti, fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa, dan ma jfissirx li rrimedju moghti lill-istituti l-ohra spicca.*

*Kif ritenut fil-kawza Gollcher v. Ostman, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-1 ta' Marzu 1866: "… … appartenendo al potere giudiziaro la sola applicazione delle leggi ai casi speciali che formano oggetto della controversia, non e` di sua competenza d'incaricarsi delle conseguenze che ne derivano da siffatte applicazioni." Kwindi, fid-dawl tad-duttrina gurisprudenzjali in materja, dak li pprovda lLegislatur bl-Artikolu 325 tal-Att immsemmi, ma jistax jigi interpretat bhala li jeskludi r-rimedju fil-kuntest tas-socjetajiet kummercjali. Fil-kaz, ma tirrizultax intenzjoni frawdolenti da parti tar-rikorrenti.*

*Huwa koncepibbli l-izball li dahlu fih meta qasmu l-proprjeta` immobbli "taghhom" u ma qiesux li l-proprjeta` kienet, in parte, tas-socjeta` taghhom fejn il-membri ghandhom responsabbilta` illimitata. Huma hasbu li l-proprjeta` tas-socjeta` hija taghhom (kif fir-realta` hi) u ma hasbux biex jinkluduha bhala parti fl-att notarili ta' divizjoni. Dan mhux kaz ta' abbuz ta' process, u ghalkemm irrikorrenti naqsu qabel ma talbu it-thassir tas-socjeta` mir-registru relattiv milli jaccertaw ruhhom illi l-affarijiet tas-socjeta` gew verament konkluzi, dan ghandu jirrifleti l-capo spese, u mhux ir-rimedju li ghandu jinghata.*

## V. <u>Il-kaz tal-lum</u>

**Din il-Qorti ma tarax ghaliex id-decizjoni fuq citata tal-Qorti tal-Appell m`ghandhiex tghodd ukoll *mutatis mutandis* ghal *partnerships en nom collectif* ghall-fini ta` l-applikazzjoni tal-Art 300B tal-Kap 386.**

**VI. Risultanzi**

**Ladarba l-Art 300B tal-Kap 386 huwa applikabbli ghall-kaz tal-lum, ghandu jkun stabbilit jekk il-fattispeci tal-kaz taht ezami joqghodux ghall-kriterji li jinsorgu mil-ligi, hekk kif dawn kienu mfissra mill-gurisprudenza tal-qrati taghna.**

**Il-Qorti tirreferi ghall-provvedimenti li tat *inter alia* fil-kawzi fl-ismijiet :**

**"Lay Lay Co Limited vs Peter Paul Darmanin" :**
**Rik. Nru. 715/10) : 7 ta` Lulju 2011 ;**

**"Joseph Aquilina et vs Dr Edward Woods et" :**
**29 ta` Novembru 2012 u 24 ta` April 2013 ;**

**"Av. Dr. Nikolai Vella Falzon noe vs Ir-Registratur tal-Kumpanniji" (Rik. Nru. 581/13) : 14 ta` Novembru 2013 ;**

**"A X Holdings Limited et vs Registratur tal-Kumpanniji" (Rik. 780/2014) : 24 ta` Marzu 2015)**

**Wara li semghet ix-xiehda ta`Edward Micallef, u tatha l-konsiderazzjoni li kienet timmerita fil-kuntest tal-provi l-ohra li tressqu, din il-Qorti hija sodisfatta bil-provi li saru ghall-fini tal-Art 300B tal-Kap 386.**

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta.**

**Spejjez ghar-rikorrenti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**